MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 1091/2005

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Verdala Antiques Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-19 ta' Mejju 2005 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' mitejn u hames Liri Maltin u sitt centezmi (Lm205.06), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' servizz telefoniku li jgib in-numru 21417445 (CN255400 a/c 10177795), liema servizz gie installat fil-fond Kent Court F/1, St. Paul's Street, Naxxar, skond diversi kontijiet mibghuta lilu, prospett anness markat Dok. A u Dok B u kuntratt relativ markat Dok. C.

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjeti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u hames Liri Maltin u sitt centezmi (Lm205.06), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------